

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Kummerċjali Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Sweden](#)

## Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut  
minn  
Svezja

Svezja



Din it-taqsimha tipprovdilek informazzjoni ġenerali dwar ir-reġistru kummerċjali tal-lżvezja.

### Storja tar-reġistru nazzjonali

#### Meta ġie stabbilit?

Ir-reġistrazzjoni tan-negozji bdiet fl-1897.

Ir-reġistru tal-fergħat żdied fl-1955. (L-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji Żvediżi ħa f'idejh ir-reġistrazzjoni tal-fergħat fl-1975).

L-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji Żvediżi ħa f'idejh ir-reġistrazzjoni tal-banek u tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni mill-Awtorità Superviżorja Finanzjarja fl-2002.

#### Meta ġie diġitalizzat?

Skont it-tip ta' *data*, l-informazzjoni ilha li ġiet diġitalizzata mill-1982. Mill-2002 kull informazzjoni li daħlet fir-reġistru ġiet ikkonvertita f'format diġitali.

#### Liġi applikabbli

Primarjament:

[Aktiebolagslagen \(l-Att dwar il-Kumpaniji\) \(2005:551\)](#)

[Aktiebolagsförfordningen \(l-Ordinanza tal-Kumpaniji\) \(2005:559\)](#)

[Årsredovisningslagen \(l-Att dwar il-Kontijiet Annwali\) \(1995:1554\)](#)

[Filiallagen \(l-Att dwar il-Fergħat\) \(1992:160\)](#)

[Filialförordningen \(l-Ordinanza dwar il-Fergħat\) \(1992:308\)](#)

[Lag \(2004:297\) om bank- och finansieringsrörelse \(l-Att dwar l-operazzjonijiet bankarji u finanzjarji\)](#)

[Förordningen \(2004:329\) om bank- och finansieringsrörelse \(l-Att dwar l-operazzjonijiet bankarji u finanzjarji\)](#)

[Lagen \(1995:1559\) om årsredovisning i kreditinstitut och värdepappersbolag \(l-Att dwar il-kontijiet annwali fl-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment\)](#)

[Försäkringsrörelselagen \(l-Att dwar in-negozju tal-assigurazzjoni\) \(2010:2043\)](#)

[Försäkringsrörelseförordningen \(l-Ordinanza dwar in-negozju tal-assigurazzjoni\) \(2011:257\)](#)

## X'informazzjoni joffri r-reġistru kummerċjali?

Min għandu d-dritt li jaċċessa r-reġistru?

Kulħadd jista' jikseb informazzjoni mir-reġistru billi jikkuntattja lill-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji Żvediżi jew billi jmur fuq is-sit web jew *Näringslivsregistret* [ir-Reġistru tal-kumpaniji].

X'informazzjoni fih ir-reġistru?

X'tip ta' *data* tinħażen? (liema entitajiet huma rreġistrati fir-reġistru pubbliku, informazzjoni dwar l-insolvenza, kontijiet, eċċ.)

L-informazzjoni miżmuma tinkludi:

- isem il-kumpanija
- l-indirizz
- l-uffiċċju reġistrat
- in-numru tal-organizzazzjoni
- informazzjoni dwar id-diretturi (membri tal-bord, firmatarji awtorizzati, CEO, awditur, eċċ.)
- l-attività tan-negozju

(għal informazzjoni aktar dettaljata ara l-Kapitolu 2, it-Taqsimiet 14-17 tal-Ordinanza dwar il-Kumpaniji, l-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar il-Fergħat, u l-Kapitolu 4, l-Artikolu 19 tal-Ordinanza (2004:329) dwar l-operazzjonijiet bankarji u finanzjarji.

Liema dokumenti jiġu ffajljati/maħżuna (proċessi tal-kawżi, ġabriet ta' dokumenti, statuti ta' assoċjazzjoni, minuti ta' laqgħat ġenerali, eċċ.)?

Id-dokumenti kollha li jridu jiġu ppreżentati għal kull tip ta' kawża f'konformità mar-regoli fis-seħħ, pereżempju:

- l-atti ta' inkorporazzjoni
- l-istatuti ta' assoċjazzjoni
- il-kontijiet annwali
- in-notifiki
- il-minuti tal-laqgħat ġenerali
- il-minuti tal-bordijiet
- ir-rapporti bankarji
- ir-rapporti tal-awditjar
- kwalunkwe dokument ieħor meħtieġ.

Kif nista' nagħmel tfittxija (u x'inhuma l-kriterji ta' tfittxija disponibbli)?

Personalment

Fir-reception hemm kompjuter disponibbli għall-viżitaturi biex ifittxu fir-reġistru. Tista' wkoll tordna dokumenti mir-reġistru mir-reception.

Fuq is-sit web tar-reġistru

Mis-sit web, tista' taċċessa:

- ir-reġistru biex tara jekk kumpanija tkunx ippreżentat il-kontijiet annwali tagħha jew biex tfittex kawża partikolari,
- is-servizz elettroniku ta' *Näringslivsregistret* (fejn ċerta informazzjoni tkun mingħajr ħlas. Inkella, trid tirreġistra bħala klijent),
- is-servizz elettroniku ta' *Sök företagsinformation* [Fittex informazzjoni dwar il-kumpanija]

X'inhuma l-kriterji ta' tfittxija disponibbli?

Tista' tfittex skont in-numru tal-organizzazzjoni, in-numru tal-kawża, in-numru tal-Identità jew isem il-kumpanija.

Kif nista' nikseb id-dokumenti?

Mingħajr ħlas?

L-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji Żvediżi jitlob ħlas għad-dokumenti peress li huwa awtorità ffinanzjata minn tariffi.

Bi ħlas?

Billi tordna mingħandna. Tista' tħallas bil-fattura jew bil-kard.

Kif nista' nikseb silta mir-reġistru, kopja ċertifikata jew traskrizzjoni tad-dokumenti?

Billi tordna mingħandna, billi ċċemplilna, bil-posta elettronika jew bil-posta. Tista' tħallas bil-fattura jew bil-kard.

## Proċedura ta' reġistrazzjoni

Kif nista' nibda l-proċedura ta' reġistrazzjoni (kif nippreżenta applikazzjonijiet lir-reġistru, iċ-ċertifikazzjoni tad-dokumenti, it-tip ta' dokumenti li jridu jkunu mehmuża)?

Personalment

Int tippreżenta l-applikazzjoni tiegħek u d-dokumenti meħtieġa għat-tip ta' kawża f'forma stampata. Tista' tuża wkoll il-kompjuters tal-viżitaturi tal-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji Żvediżi biex taċċessa [verksamt.se](http://verksamt.se) u ddaħħal kawża.

Online

Tista' tmur fuq [verksamt.se](http://verksamt.se) u tirreġistra kawża.

Kif jiġu rrieżaminati l-applikazzjonijiet sottomessi?

Il-kawżi ppreżentati permezz tas-servizzi elettroniċi ([verksamt.se](http://verksamt.se)) huma suġġetti għal diversi kontrolli mill-magni. Uħud mill-kawżi jistgħu jingħalqu awtomatikament fis-servizzi elettroniċi. Oħrajn, li ma jistgħux jiġu kkontrollati b'mod elettroniku, jintbagħtu lil membru tal-persunal għal verifika manwali ulterjuri. Membru tal-persunal jivverifika wkoll dokumenti stampati.

## Effetti legali tar-reġistrazzjoni

Effett tal-entrati fuq partijiet terzi skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2017/1132

Ir-rekords miżmuma mill-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji Żvediżi huma pubbliċi. L-informazzjoni rreġistrata tiġi ppubblikata fil-pubblikazzjoni nazzjonali [Post- och Inrikes Tidningar](#). L-informazzjoni rreġistrata fir-reġistru u ppubblikata fil-[Post- och Inrikes Tidningar](#) titqies bħala għarfien pubbliku. Għalhekk, hija disponibbli għall-pubbliku u tista' ssir tfittxija għaliha.

Diskrepanzi bejn l-entrata f'reġistru u l-pubblikazzjoni tagħha

L-informazzjoni sottomessa għar-reġistrazzjoni tiġi rreġistrata u ppubblikata. Jekk sussegwentement jinstab li ġiet irreġistrata (u ppubblikata) informazzjoni żbaljata, jista' jkun meħtieġ li tiġi kkoreġuta.

Min hu responsabbli għall-akkuratezza tar-rekords?

Il-kumpaniji huma responsabbli għall-informazzjoni li jissottomettu. L-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji Żvediżi jirreġistra l-informazzjoni pprovduta, wara verifika tal-legalità.

## Proċeduri għall-protezzjoni tad-*data*

Proċeduri relatati mad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* rigward il-pubblikazzjoni u l-ħżin tad-*data* personali tiegħu

Fir-reġistri tal-kumpaniji tagħna aħna nipproċessaw id-*data* personali tal-membri tal-bord, fost partijiet oħra. L-għan tar-reġistri huwa li jipprovdu informazzjoni dwar, pereżempju, l-attivitajiet tan-negozju, is-self, l-akkwiżizzjonijiet tan-negozju u ċ-ċessjonijiet, u ż-żidiet fir-reġistri tal-klijenti jew il-verifiki tagħhom. L-informazzjoni tista' tiġi pprovduta lil individwi, kumpaniji jew awtoritajiet li jeħtieġu informazzjoni għall-attivitajiet tagħhom.

L-informazzjoni personali tista' tiġi ppubblikata u tinħażen sakemm tkun relatata mal-eżerċizzju tal-awtorità. Skont il-liġi, id-*data* personali għandha tiġi rreġistrata.

L-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji Żvediżi huwa l-kontrollur tad-*data* u jiżgura li d-*data* personali fir-reġistri tagħna tiġi ttrattata f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* u mar-regoli speċifiċi li jirregolaw ir-reġistru.

L-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji Żvediżi ħatar ombudsman għall-protezzjoni tad-*data* biex jiżgura li d-*data* personali tiġi ttrattata b'mod korrett u legali fl-operazzjonijiet.

## Informazzjoni ta' kuntatt

L-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji Żvediżi

Telefown: +46 771670670 (jew +46 60184000) mid-09:00 sat-15:00, mit-Tnejn sal-Ġimgħa

Email: [bolagsverket@bolagsverket.se](mailto:bolagsverket@bolagsverket.se)

L-indirizz għaż-żjarat: Stuarvägen 21, Sundsvall, L-IŻVEZJA

Sit web: <https://bolagsverket.se/en/us/about/contact-us>

## Links

Servizzi elettroniċi: <https://bolagsverket.se/en/fee>

Servizzi elettroniċi: <https://www.verksamst.se/web/international/services>

---

■ L-aħħar aġġornament: 28/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.